MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 618/1999/1

**Francis Abela**

**Vs**

**Carmelo Buhagiar u martu Lora Buhagiar ghal kull interess li jista' jkollha**

Il-Qorti,

Rat l-att ta' citazzjoni in esami u li biha l-attur, wara li ppremetta illi hu kien gie kundannat ihallas tlett mija u erbghin lira maltin (Lm340) permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Dottor Michael Mallia tat-30 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet Carmelo Buhagiar u martu Lora ghal kull interess li jista' jkollha versus Francis Abela (Avviz Numru 93/98MM).

Illi b'digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tas-27 ta' Marzu 1998 l-konvenuti gew awtorizzati jghaddu ghan-notifika tal-attur permezz tal-procedura tal-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-

gvern, liema pubbblikazzjoni saret fil-harga tal-gazzetta tat-30 ta' Lulju 1998 hekk kif indikat fid-dokument A anness mac-citazzjoni.

Illi l-attur qatt ma gie notifikat skond il-ligi bl-avviz imsemmi u dana peress illi giet maghmula biss notifika permezz tal-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern u ma saritx kif tassattivament rikjest mill-artikolu 187 tal-Kapitolu tnax (12) tal-ligijiet ta' Malta.

Ukoll illi mill-ewwel riferta tal-purtier jirrizulta illi fl-ewwel tentattiv ghan-notifika hadd ma nstab fil-fond fejn kellha ssir n-notifika, filwaqt illi fit-tieni tentattiv li sar l-purtier nkwistjoni nnota li l-isem tat-Triq kien hazin u li ma kienx hemm dina t-Triq indikata f'Haz-Zabbar, izda sussegwentament l-mandat numru 377/99 JV fl-ismijiet Carmelo Buhagiar et vs Francis Abela gie esegwit fl-indirizz originali tan-notifika u cioe fil-fond "Rene Steve", Misrah A. Wignacourt – Zabbar u, b'hekk r-riferta tal-purtier tal-11 ta' Marzu 1998 hija nulla u bla effett u b'hekk ma gietx ezawrita l-procedura kollha qabel wiehed setgha jghaddi sabiex jitlob l-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern kif fil-fatt sar fil-kawza msemmija.

Illi l-attur sar jaf ricentement bil-kawza, ossia meta gie esegwit u notifikat l-mandat ta' Qbid numru 377/99 JV.

Illi ghalhekk hemm lok ghal ritrattazzjoni taht artiklu 811(b) u (e) tal-Kapitolu tnax (12) tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-attur jixtieq jattaka l-kapi kollha tas-sentenza fuq imsemmija.

Il-konvenuti jghidu ghaliex ma'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara ili n-notifika tal-konvenut permezz tal-procedura tal-publikazjzoni fil-gazzetta tal-gvern kif saret fil-kawza sudetta hija nulla u bla effett stante illi ma saritx skond kif tassattivament rikjest mill-artikolu 183 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta oltra l-fatt ukoll illi r-riferta tal-purtier tal-11 ta' Marzu 1998 hija nulla stante illi ma

tirriflettix l-verita tal-fatti u saret b'detriment ghall-attur; u ghalhekk

2. tordna t-thassir tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Dr Michael Mallia tat-30 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet Carmelo Buhagiar u martu Lora ghal kull interess li jista' jkollha versus Francis Abela (Avviz Numru 93/98) u

3. Tordna li ssir ir-ritrattazzjoni tal-kawza hawn fuq msemmija.

Bl-ispejjez. Il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, guramentata tal-istess attur u li biha espona bir-rispett:

1. Illi l-attur kien gie kkundannat ihallas tlett mija u erbghin lira maltin (Lm340) permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Dr. Michael Mallia fit-30 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet Carmelo Buhagiar u martu Lora ghal kull interess li jista' jkollha versus Francis Abela (Avviz numru 93/98MM).

2. Illi b'digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tas-27 ta'Marzu 1998 l-konvenuti gew awtorizzati jghaddu ghan-notifika tal-attur permezz tal-procedura tal-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern, liema pubblikazzjoni saret fil-harga tal-gazzetta tat-30 ta' Lulju 1998 hekk kif indikat fl-anness dokument A.

3. Illi l-attur qatt ma gie notifikat bl-avviz imsemmi u dana peress illi giet maghmula biss notifika permezz tal-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern u ma saritx kif tassattivament rikjest mill-artikolu 187 tal-Kapitolu tnax (12) tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi mill-ewwel riferta tal-purtier jirrizulta illi fl-ewwel tentattiv ghan-notifika hadd ma nstab fil-fond fejn kellha ssir n-notifika, filwaqt illi fit-tieni tentattiv li sar l-purtier nkwistjoni nnota li l-isem tat-Triq kien hazin u li ma kienx hemm dina t-Triq ndikata f'Haz-Zabbar, izda

sussegwentement l-mandat numru 377/99JV fl-ismijiet Carmelo Buhagiar et vs Francis Abela gie esegwit fl-indirizz originali tan-notifika u cioe' fil-fond "Rene Steve", Misrah A, Wignacourt, Zabbar, b'hekk ir-riferta tal-purtier tal-11 ta' Marzu 1998 hija nulla u bla effet u b'hekk ma gietx ezawrita l-procedura kollha qabel wiehed setgha jghaddi sabiex jitlob l-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern kif fil-fatt sar fil-kawza msemmija.

5. Illi l-attur sar jaf ricentement bil-kawza, ossia meta gie esegwit u notifikat l-mandat ta' Qbid numru 377/99JV.

6. Illi ghalhekk hemm lok ghal ritrazzjoni taht artikolu 811 (b) u (e) tal-Kapitolu tnax (12) tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Illi l-attur jixtieq jattakka l-kapi kollha tas-sentenza fuq imsemmija, b'hekk kellha tigi ntavolata dina c-citazzjoni.

Rat kif ukoll l-lista ta' xhieda u d-dokumenti annessa maghha.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti (fol 8 et seq tal-atti) u li biha eccepew bir-rispett:-

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti ragunijiet:

Preliminarjament in-nullita' tac-citazzjoni stante illi fl-ewwel talba attrici huwa indikat l-artikolu 183 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta 'Malta, liema Artikolu jitkellem dwar "id-dmijiriet tar-registratur dwar il-prezentat ta' l-iskritturi", artikolu kompletament estraneju u rrelevanti ghat-talba li qeghda issir fl-istess citazzjoni;

Minghajr pregudizzju ghas-su-espost u fil-mertu jinghad:

Fl-ewwel lok illi, fil-kawza (93/98MM) in-notifika ta' Francis Abela, hemmhekk konvenut, kienet saret regolarment ai termini ta' l-Artikolu 187 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fit-tieni lok, illi l-Artikolu 187 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta riferit fit-tielet premessa ta' l-odjerna citazzjoni, jaghti

finalment id-deskrizzjoni totali lill-Qorti presedenti illi tiehu dawk il-passi kollha opportuni sabiex issir in-notifika lill-konvenut, inkluz jekk hemm bzonn u allura konsegwentament ukoll illi taghti dawk id-direttivi kollha li hi jidhrilha opportuni fl-ahhar interess ta‘ l-amministrazzjoni tal-Giustizzja;

Fit-tielet lok il-konvenuti hemmhekk atturi kienu mxew, obdew u segwew id-digriet tal-Qorti stess, skond kif anke premess fit-tieni premessa ta’ l-odjerna citazzjoni, u jekk, minghajr pregudizzju u fl-aghar ipotesi kellu jirrizulta illi n-notifika mhix valida fil-ligi, allura il-konvenuti esponenti m’ghandhomx ikunu kostretti jissoportu l-ispejjes ta’ l-odjerni proceduri;

Fir-raba lok jigi eccepit illi allura ma hemmx lok ghal ritrattazzjoni taht l-artikolu 811 (b) tal-Kap 12 stante illi effettivament saret regolarment  in-notifika ta’ l-avviz lill-attur odjern kif mitlub u ordnat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-digriet taghha ghan-notifika bil-procedura tal-pubblikazzjoni;

Fil-hames lok qieghed jigi eccepit ukoll illi ma hemmx lok ghal ritrattazzjoni taht l-artikolu 811 (e) tal-Kap 12 stante illi jekk ghandu jirrizulta fl-aghar ipotesi illi kien hemm difett procedurali, din ma tikkostitwix dak kontemplat fl-imsemmi artikoli li ighid “jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin”.

Ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, jinghad allura illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kollha kontra l-attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess konvenuti, guramentata minn Carmelo Buhagiar u martu Lora Buhagiar, u li biha esponew bir-rispett:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti ragunijet:

2. Preliminarjament in-nullita' tac-citazzjoni stante illi fl-ewwel talba attrici huwa indikat l-artikolu 183 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema Artikolu jitkellem dwar 'id-dmirijiet tar-registratur dwar il-prezentat ta' l-iskritturi', artikolu kompletemant estraneju w irrelevanti ghat-talba li qeghda issir fl-istess citazzjoni;
3. Minghajr pregudizzju ghas-su-espost u fil-mertu jinghad fl-ewwel lok illi, fil-kawza (93/98MM) in-notifika ta' Francis Abela, hemmhekk konvenut, kienet saret regolarment ai termini ta' l-Artikolu 187 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fit-tieni lok, illi l-Artikolu 187 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta riferit fit-tielet premessa ta' l-odjerna citazzjoni, jaghti finalment id-diskrezzjoni totali lill-Qorti presendenti illi tiehu dawk il-passi kollha opportuni sabiex issir in-notifika lill-konvenut, inkluz jekk hemm bzonn u allura konsegwentament ukoll illi taghti dawk id-direttivi kollha li hi jidhrilha opportuni fl-ahjar interess ta' l-amministrazzjoni tal-Gustizzja;
5. Fit-tielet lok il-konvenuti hemmhekk atturi kienu mxew, obdew u segwew id-digriet tal-Qorti stess, skond kif anke premess fit-tieni premessa ta'l-odjerna citazzjoni, u jekk, minghajr pregudizzju u fl-aghar ipotesi kellu jirrizulta illi n-notifika mhix valida fil-ligi, allura l-konvenuti esponenti m'ghandhomx ikunu kostretti jissoportu l-ispejjes ta' l-odjerni proceduri;
6. Fir-raba lok jigi eccepit illi allura ma hemmx lok ghal ritrattazzjoni taht l-artikolu 811(b) tal-Kap 12 stante illi effettivament saret regolarment in-notifika ta' l-avviz lill-attur odjern kif mitlub u ordnat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-digriet taghha ghan-notifika bil-procedura tal-pubblikazzjoni;
7. Fil-hames lok qieghed jigi eccepit ukoll illi ma hemmx lok ghal ritrattazzoni taht l-artikolu 811 (e) tal-Kap 12 stante illi jekk ghandu jirrizulta fl-aghar ipotesi illi kien hemm difett procedurali, din ma tikkostitwix dak kontemplat fl-imsemmi artikoli li ghid 'jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin';
8. Ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, jinghad allura illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kollha kontra l-attur u l-esponenti m'ghandhom jigu kkundannati ebda spejjes ta' ebda istanza.

9. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat kif ukoll il-lista ta' xhieda hemm annessa.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, kif risultanti minn nota kongunta tal-partijiet u li tinsab a fol 18 tal-atti l-istess partijiet kienu qablu li l-artikolu korrett tal-ligi li kellu jigi citat, fic-citazzjoni in esami, huwa l-artikolu 187 u mhux l-artikolu 183 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk jidher li, permezz ta'din in-nota ma hemmx aktar lok li tigi decisa l-ewwel eccezzjoni kif sottomessa mill-konvenuti.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher mill-istess atti, l-unika prova sottomessa waqt dawn il-proceduri huma l-atti originali tal-kawza li taghha qed tintalab originali tal-kawza li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni a basi tal-artikolu 811 (b) u (e) tal-istess Kapitolu 12 citat, ossija nuqqas ta' notifika tal-avviz lill-parti telliefa u applikazzjoni hazina tal-ligi fis-sentenza in kwistjoni.

Ikkunsidrat

Illi, f'dan il-kaz u in konnessjoni mal-kwistjoni dwar jekk l-attur odjern kienx gie notifikat bl-imsemmi avviz (numru 93/98MM) jkun opportun li jigi citat l-artikolu 187(3) tal-istess Kapitolu 12. Hawnhekk jinghad li jekk mir-riferta tal-Ufficjal inkarigat minn notifika ta' att gudizzjarju jinstab li l-persuna li ghandha tigi notifikata bl-istess att, ghalkemm ma tirrisultax li qeghdha barra minn Malta, id-dhul fil-post tar-residenza taghha ma jkunx jista' jsir jew l-istess residenza ma tkunx maghrufa, il-Qorti tista' tordna li l-istess notifika issir permezz ta' affissjoni ta' kopja tal-istess att fil-post, fil-belt jew distrett fejn, soltu, jitwahhlu atti ufficjali <u>u</u> billi l-istess att jinhareg fil-qosor fil-gazzetta tal-Gvern <u>u</u> f'gurnal ta' kulljum, wiehed jew aktar minn

wiehed u jekk l-istess residenza tkun maghrufa billi kopja tal-istess att titwahhal mal-bieb tal-istess post.

Ikkunsidrat

Illi, b'referenza ghall-atti originali tas-sentenza li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni, u b'mod specjali in rigward in-notifika o meno, tal-avviz numru 93/98 lill-konvenut ossija l-attur odjern, jidher li:

a) fid-9 ta' Frar 1998 l-istess avviz ma kienx gie notifikat lil Francis Abela ghax 'unclaimed'.
b) Fit-2 ta' Marzu 1998, l-istess kaz, kien gie differit ghan-notifika ta' Francis Abela.
c) Fil-11 ta' Marzu 1998 rega' kien hemm riferta negattiva ghax 'l-isem tat-triq hazina u ma hemmx din it-triq f'Haz-Zabbar.
d) Fis-26 ta' Marzu 1998, gie presentat rikors sabiex l-istess Francis Abela jigi notifikat '<u>permezz tal-Publikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern</u>' biss, liema rikors gie akkolt permezz ta'digriet moghti fis-27 ta' Marzu 1998.
e) Wara differimenti ohrajn moghtija fis-7 ta' April 1998 u fit-2 ta' Lulju 1998 sabiex issir in-notifika ta' Francis Abela skond kif ordnat permezz tad-digriet hawn fuq citat, kienet saret in-notifika kif ordnata permezz ta' pubblikazzjoni fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern tat-30 ta' Lulju 1998.
f) Fis-seduta tat-23 ta' Novembru 1998 Francis Abela ma kienx deher sabiex jikkontesta t-talba attrici. Ghalhekk kien gie presentat kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u l-kaz kien gie differit ghal dan il-ghan, ghat-30 ta' Novembru 1998, f'liema seduta l-istess konvenut ma kienx deher u b'hekk kienet inghatat is-sentenza, li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi, mill-fatti kif premessi, jidher evidenti li l-konvenuti odjerni ma kienux segwew dak stipulat fl-artikolu 187(3) citat u ghalhekk hemm lok li ssir ir-ritrattazzjoni tal-kawza msemmija a basi tal-artikolu 811(b) hawn fuq citat ukoll. Dwar dan jkun opportun li ssir referenza ghas-sentenza

moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-14 ta' Gunju 2001 fl-ismijiet 'Maltacom p.l.c. (Sezzjoni Arretrati) vs Carmel u Mary Doris konjugi Muscat (Avviz Nru 766/99JAB) permezz ta' liema sentenza, dik tal-prima istanza giet annullata ghall-istess raguni premessa f'din il-kawza.

Ikkunsidrat

Illi ghalhekk, it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti tilqa t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara illi n-notifika tal-konvenut permezz tal-procedura tal-publikazjzoni fil-gazzetta tal-gvern kif saret fil-kawza sudetta hija nulla u bla effett stante illi ma saritx skond kif tassattivament rikjest mill-artikolu 183 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta oltra l-fatt ukoll illi r-riferta tal-purtier tal-11 ta' Marzu 1998 hija nulla stante illi ma tirriflettix l-verita tal-fatti u saret b'detriment ghall-attur; u ghalhekk;
2. tordna t-thassir tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Dr Michael Mallia tat-30 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet Carmelo Buhagiar u martu Lora ghal kull interess li jista' jkollha versus Francis Abela (Avviz Numru 93/98) u;
3. tordna li ssir ir-ritrattazzjoni tal-kawza hawn fuq imsemmija bl-ispejjes kontra l-konvenuti odjerni. Inoltre, ghall-istess skop, il-Qorti tordna li dawn il-atti jintbaghtu lir-Registratur tal-Qorti sabiex jigu rinvjati lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Dr Michael Mallia, bl-ispejjes kontra l-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------